# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 185/2017**

Il-Pulizija

vs

**Luca Falzon**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 500988(M)

Illum 9 ta’ Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Luca Falzon quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fii-31/03/2016 għal ħabta ta’ 23:10hrs ġewwa Vjal il-21 ta’ Settembru, Naxxar. waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta reġistrazzjoni BBO 701:

1. Saq vettura nru BBO 701 b’manjiera (a) traskurata;

2. Saq vettura nm BBO 701 b’manjiera (b) perikoluża;

3. Saq vettura nru BBO 70 b’manjiera (c) u bla kont;

4. Talli nifjuta jew naqas milli jagħti skond il-liġi kampjun tan-nifs jew kampjun tal-urina;

5. U aktar meta b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġunajt offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Pierre Luigi Pace skond kif iċċertifika Dr. Kristian Psaila. reg. 8662 M.D. mill-M.D.H;

6. Talli fi-istess data. ħin, lok u ċirkostanzi waqt li kien qiegħed jagħmel użu mill-vettura BBO - 701. b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna ħruq jew għamel xi ħsara jew għarraq xi ħaġa cioe vettura Volkswagen bin-numru tar-reġistrazzjoni MAT 490 għad-dannu ta' Pierre Luigi Pace.

Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tal-imputat, huwa jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-7 ta' April, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15(1) (a), 15A, 15C, 15E(1)(a)(4) u 15 H(1)(a) tal-kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Luca Falzon ħati tal-akkużi kollha kif dedotti u kkundannatu multa ta' elfejn ewro (€2000) flimkien ma' sospensjoni tas-sewqan għal żmien tmien (8) xhur dekorribbli min-nofs il-lejl ta' għada fil-għodu.

Finalment, spjegat fi kliem sempliċi lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tiġix obduta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Luca Falzon minnu ppreżentat fil-15 ta' April, 2017 fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirevoka u tannulla s-sentenza appelata u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u fin-nuqqas li tirriforma s-sentenza appellata billi tinfliġġi piena anqas ħarxa.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi din hija kawża dwar kollużjoni. Illi l-vettura misjuqa minn 1-appellanti kienet fi triqtha nieżla minn Naxxar għal Mosta u kienet l-vettura misjuqa mill-parte ċivile li ħarġet b'mod traskurat u negligenti minn 'parking bay' ħabta u sabta. Illi għalhekk il-kawża prossimattiva tal-inċident kienet il-fatt li Piere Luigi Psaila baqa' ħiereġ mingħajr ma' ħa l-prekawzjonijiet sabiex jassigura li ma' jagħmel ebda manuvra meta jkun hemm vetturi nieżlin fi triq dritta u ġo 'main road' kif kien l-appellanti. Illi għalhekk l-esponenti żgur li ma' kienx qed isuq b'mod negligenti u traskurat u jew perikoluż kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti.

Illi milqugħ l-ewwel aggravju per konsegwenza l-appellanti għandu jiġi lliberat mill-ħames u sitt akkużi.

Illi dwar ir-raba akkuża, dina tista' tirriżulta, iżda l-Qorti għandha diskrezzjoni tara jekk tissospendix il-liċenzja jew le. Illi l-appellanti jaħdem ma' 'car dealer' u għalhekk b'rispett kien ikun idoneju li l-liċenzja tas-sewqan tiegħu ma' tiġix sospiża anke peress li huwa irfjuta li jagħti kampjun għaliex dak il-ħin tal-ħabta sofra minn aggressjoni da parti tal-parte ċivile u tant kien konfuż li kien kawża ta' hekk li baqa' ma' tax il-kampjun tan-nifs. Illi għalhekk iċ-ċirkostanzi kienu jimmeritaw aktar komprenzjoni u seta' jiġi evitat li l-appellanti titieħdlu l-liċenzja tas-sewqan.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

‘Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fi-lkonkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi: Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deċiża fl-14 ta’ Frar, 1989; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deċiża fil-31 ta’ Mejju, 1991; Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deċiża fit-12 ta’ Mejju, 1994; 6 Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deċiz fis-6 ta’ Ġunju, 1994; Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deċiża fit-28 ta’ April, 1995; Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deċiża fit-3 ta’ Novembru, 1995; u Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.’ (Ara Appell Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v Vincent Abela tal-24 ta’ Mejju 2016).

Għalhekk din il-Qorti ser tagħmel eżami approfondit tal-provi fil-proċess.

**Xhieda**

Fl-**affidavit tiegħu PS 1270 Antoine Zammit**, jgħid li wara li rċevew it-telefonata għall-ħabta ta’ 23.10hrs fil-31 ta’ Marzu, 2016 mingħand Pierre Luigi Pace flimkien ma’ PC 1485 G Zammit marru fuq il-post u sabu lis-sur Pace u lis-Sur Falzon. Huwa jikkonferma li s-sur Pace kien qallu li huwa kien qed jirreversja biex jipparkja meta ħass id-daqqa kbira fil-vettura tiegħu, huwa ħareġ mill-karozza u mar jiġri warajh għax kien baqa’ sejjer. Umbgħad waqaf u kien ser jinqala argument kbir , iżda kien hemm xi nies li rnexxilhom jikkalmaw is-sitwazzjon.Il-passiġiera li kienet fil-karozza mas-Sur Pace, Priscilla Bugeja , kkonfermat kollox ukoll.

Huwa jkompli jżid li meta kellmu lil appellant , huwa jgħid li beda jgħajjat ‘*Il-għala qed taqbdu miegħi’ fejn anke beda jsir eċitat pero’ ġie kkontrollat dak il-ħin mingħajr ebda inċidenti’*. PS1270 u PC 1485 innuttaw ir-riħa ta’ xorb qawwija u ċemplu lil għassa ta’ Birkirkara għal breathalyser set test. Huma nnfurmawh bid-drittijiet tiegħu u li kellu bżonn jagħti l-kampjun tan-nifs. Dan irrifjuta u dan ir-rifjut kien fil-presenza ta’ WPS 301, WPS 198, PS 1074 u PC 1485.

Dak il-ħin is-sur Pace ma kienx qal lil Pulizija li weġġħa u għaldaqstant ġew il-Gwardjani Lokali

G147 u G297 iżda fl-4 t'April, 2016 Pierre Luigi Pace mar l-għassa u preżenta ċerifikat mediku datat 2 t'April, 2016 fejn ġie kkonfermat li kien qed isofri minn ġrieħi ħfief.

Meta xehed fis-seduta tas-7 t'Ottubru, 2016 huwa reġa kkonferma bi sħiħ l-affidavit tiegħu.

Fl-affidavit tiegħu PC 1485 G Zammit kkonferma dak kollu li qal fl-affidavit tiegħu PS 1270 A Zammit.

Fis-seduta tas-7 t'Ottubru, 2016 xehed il-**parti ċivile Pierre Luigi Pace** fejn nforma l-Qorti li huwa kien għadu kemm xegħel ir-reverse lights biex jidħol ġo parking bay faċċata tat-Turkish Restaurant in-Naxxar, 21st September Avenue meta ra dawl qawwi ġol mera u f'daqqa daqqa kbira.Ħareġ mill-karozza tiegħu li kienet għadha ġdida u mara jiġri warajh għax hu waqaf ferm iktar 'l isfel minn fejn kien laqtu. X'ħin kellmu nduna li kellu riħa ta' xorb qawwija minn ġo ħalqu u għalhekk ċempel lil Pulizija. Meta semgħu jgħid lil Pulizija li jidher li xurban, is-sur Falzon beda jheddu li ser joqtlu u sakemm kien għadu fuq il-linja mal-Pulizija beda jiġri warajh eċċitat ħafna biex jagħtih daqqa. Zammewh neighbour u l-ħaddiema tat-Turkish restaurant. It-tfajla tiegħu sadanittant kienet għadha fi stat ta' xokk. Meta mistoqsi rigward speed, huwa jgħid li ma kien hemm ebda breakmark u li kien għaddej mhux ħażin, tant li l-karozza tas-sur Falzon waqfet ferm iktar 'l isfel minn fejn ġara l-inċident. Il-ħsara li sofra kienet ħafna tant li l-insurance ikkwantifikata mat-tmient elef (€8,000) Ewro.

Il-Gwardjan Lokali 147 fix-xhieda tiegħu għalkemm jikkonferma li ma nnutax xi ħaġa stramba bejn wieħed u ieħor, spjega li l-karozzi kienu 43 metru 'l bogħod minn xulxin.

Xehdet Priscilla Bugeja hija tikkonferma li hekk kif kien ser jipparkja ġo parking bay faċċata tat-Turkish Naxxar, 21st September Avenue, l-għarus tagħha , Pierre Luigi Pace, u kien għadu ma' ġenb il-karozza l-oħra *'inħossu daqqa kbira minn naħa tiegħu u nara karozza għaddejja b'veloċita' qawwija'*. Hu ħareġ jiġri mill-karozza u mar jiġri wara l-karozza li kienet laqtithom imma hi kellha xokk kbir u ċemplet lil ħuh u daru biha l-ġirien li kienu ħarġu meta semgħu d-daqqa. Hija ttieħdet il-Clinic minħabba x-xokk kbir lil kellha. Meta mistoqsija kemm –il darba mid-difiża rigward l-*ispeed qawwi* u li kif l-ebda uffiċjal ma semma l-ispeed, u li qed iżżejjen il-verżjoni tagħha quddiem din il-Qorti hija tikkonferma ampjament u kemm –il darba li hija ratu għadu bi speed qawwi malli laqathom.

*'M'hemmx għalfejn inżejjinha, jiena l-verita' qed ngħid'.  Fol 34 tal-proċess*

' *Jiena l-karozza rajtha għaddejja b'veloċita' qawwija'* Fol. 34 tal-proċess.

Illi **fl-ewwel aggravju** l-appellant qed isostni li l-parte ċivile ħareġ b'mod traskurat u negligenti minn *parking bay* u li hu ma kienx qed isuq b'mod traskurat u negligenti jew perikoluż kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti.

Mix-xhieda miġbura mill-Ewwel Qorti huwa ċar li fl-ebda mument ma  ġie pruvat  li kien ħiereġ minn parking bay il-parti ċivile , anzi kien xegħel l-indicator u qiegħed parallel mal-karozza l-oħra biex jidħol f'parking bay, iżda waqt li kien għadu parallel l-appellant daħal fih. Inoltre, ix-xhud Priscilla Bugeja tagħmilha ċara li wara li daħal fihom hija rat il-karozza tal-appellant għaddejja b'veloċita' qawwija.

Ix-xhud Priscilla Bugeja ġiet mistoqsija kemm –il darba rigward l-ispeed u dejjem ikkonfermat dan b'ċertezza matul ix-xhieda tagħha. Dan il-fatt ġie anke ulterjorment konfermat fix-xhieda tal-parti ċivile Pierre Luigi Pace li jgħid li mar jiġri wara l-karozza għax ħaseb li kienet 'hit and run' tant baqa' sejjer il-bogħod . Infatti l-gwardjan lokali jixhed li kien hemm distanza ta' 43 metru bejn iż-żewġ karozzi.

Għaldaqstant dan l-aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

It-**tieni aggravju** huwa konness mal-ewwel aggravju stante li jekk ma tiġix pruvata  it-traskuraġni tal-appellant  l-akkużi ħamsa u sitta ma jirriżultawx, iżda din il-Qorti tinsab sodisfatta li kien hemm negligenza u traskuraġni fis-sewqan tal-appellant u għaldaqstant l-akkużi ħamsa u sitta ġew pruvati u dan l-aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

It-**tielet aggravju** huwa rigward is-sospensjoni tal-liċenzja imposta mill-Ewwel Qorti peress li huwa rrifjuta li jagħti kampjn tan-nifs .

L-appellant jaħdem ma' *car dealer* u ovvjament is-sospensjoni tal-liċenzja hija piena  li ser taffetwah fix-xogħol tiegħu. Huwa jsostni li dak il-ħin irrifjuta li jagħti l-kampjun tan-nifs tiegħu minħabba li sofra aggressjoni mill-parti ċivile u ħassu konfuż.

Illi l-appellant kien infurmat sew bil-konsegwenzi tar-rifjut tiegħu li jagħti l-kampjun tan-nifs. Dan

ġie pruvat mill-Prosekuzzjoni ċar ħafna minn PS 1270 Antoine Zammit u l-istess appellant kien ammetta l-akkuża fis-seduta tas-7 t'Ottubru, 2016 kif hemm reġistrat fl-istess verbal.

L-Artikolu 15 E(1) (a) (4) tal-Kap 65 jgħid is-segwenti:

*15E.(1) Sabiex jiġi deċiż jekk persuna għamlitx xi reat taħt l-artikoli 15A u 15B(1) uffiċjal tal-Pulizija jista' jeħtieġ li dik il-persuna –*

*(a) tagħti kampjun tan-nifs jew kampjun għall-analiżi permezz tal-istrument approvat, skont ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza, u r-riżultat hekk miksub għandu jkun ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1).*
*Ir-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu preżunti bħala korretti sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju; jew*

*4) Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjunmeħtieġ hekk kif stabbilit taħt dan l-artikolu jew ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza tkun ħatja ta' reat u sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju, titqies li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna ikun iżjed mil-limitu preskritt:*

***Iżda tkun difiża għal dik il-persuna jekk tipprova li n-nuqqas tagħha li tagħti kampjun kien minħabba l-inkapaċità fiżika jew mentali li tagħtih jew għaliex l-għoti tiegħu kien jagħti lok għal riskju sostanzjali għal saħħitha.***

*Inoltre,* ***L-Artikolu 15H Tal-Kap 65*** *jagħmilha ċara li l-Qorti* ***għandha*** iskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan fil-każ tal-ewwel kundanna għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur.

Il-piena imposta mill-Ewwel Qorti, qegħda fil-parametri tal-liġi.

Għalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setgħet legalment u raġjonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha.

Illi din il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li l-appellant għandu fedina penali netta u xogħolu huwa relattat mas-sewqan tal-karozzi u hija l-ewwel darba li wettaq reat.

Għaldaqstant, ikun għaqli li jkun hemm varjazzjoni nkwantu jirrigwarda s-sospensjoni tal-liċenzja.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qed tichad l-appell ta' Luca Falzon u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar is-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan, qed tilqa' t-talba tal-appellant. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiskwalifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt xhur mil-lum, li jibdew jiddekorru f'nofs il-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Ottubru, 2018.